MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 494/2012

**Makaw Ltd (C8250)**

**vs.**

**Probe Technologies Ltd (C 30550)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2012, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta ta' elf, ħames mija tnejn u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€1562.55) u dan inkwantu:

> Illi s-soċjetà esponenti topera fil-qasam ta' finishings ta' uffiċini u djar residenzjali;

Illi s-soċjetà konvenuta inkarigat lis-soċjetà esponenti sabiex tagħmilla xi xogħlijiet ta' finishings, inkluż gypsum ġewwa uffiċċju operat mill-istess soċjetà konvenuta;

Illi s-soċjetà esponenti għamlet ix-xogħlijiet rikjesti a sodisfazzjon totali u sal-livell rikjest mis-soċjetà konvenuta, liema xogħlijiet ġew aċċettati mingħajr riservi;

Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet proforma invoice lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' EUR3788.21;

Illi pero, is-soċjetà konvenuta kellha xi kreditu fil-konfront ta' dik esponenti liema kreditu ġie paċut ma' parti mill-bilanċ dovut a favur tas-soċjetà esponenti b'riżultat li issa fadal bilanċ ta' EUR 1562.55 a favur tas-soċjetà esponenti, u dan kif ikkonfermat ukoll bil-miktub minn Etienne Cini, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta;

Illi s-soċjetà konvenuta mitluba sabiex tħallas l-ammont ta' EUR 1562.55, anke permezz ta' ittra uffiċjali (166A) baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha tinbeda din il-kawża.

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunali jogħġbu:

1. Jiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà esponenti fl-ammont ta' EUR 1562.55 jew ammont ieħor verjuri, u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi.
2. Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 900/12 u bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta.

Ra r-**Risposta tas-soċjetà konvenuta** ippreżentata fl-4 ta' Frar 2013 fejn eċċepiet:

Is-soċjetà konvenuta tirrispinġi l-pretensjonijiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi:

a) Inkwantu għal somma kapitali ta' EUR 877.75, din eċċediet dak pattwit bejn il-partijiet.

b) Inkwantu għal somma oħra kapitali ta' EUR684.80, din hija intempestiva stante illi sal-lum fattura ridotta għal tali ammont għadha ma ntbagħtitx lill-istess soċjetà eċċipjenti, biex b'hekk u fuq bażi ta' ekwità ma huwiex ġust li l-eċċipjenti jkollha tħallas dan l-ammont f'dan l-istadju.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda tar-rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet.

Ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-6 ta' Frar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Is-soċjeta konvenuta (Probe) wettqet xogħolijiet lis-soċjeta′ attriċi (Makaw). Dawna saru bejn Ottubru 2010 u Frar 2011. Ix-xogħol laħħaq il-valur ta' €7,053.61.

Dan l-ammont ġie mħallas €1000 bi flus li tħallsu fuq żewġ pagamenti u €3,827.95 li ġie paċut ma' xogħolijiet li s-soċjeta attriċi għamlet fuq inkarigu tas-soċjeta konvenuta. Kien għad baqa' differenza ta' €2,225.66 favur is-soċjeta′ konvenuta Probe.

Għaldaqstant il-partijiet waslu fi ftehim li s-soċjeta′ attriċi twettaq xogħolijiet oħra għas-soċjeta′ konvenuta bl-iskop li l-ammont minnha dovut ikun paċut bix-xogħolijiet.

Sussegwentement, is-soċjeta′ konvenuta żiedet ħajt ma' dak illi kien diġa miftiehem.

Is-somma mitluba fil-kawża odjerna ta' €1562.55 tirrappreżenta d-differenza bejn l-ammont globali pretiż mis-soċjeta′ attriċi għax-xogħol tagħha ta' €3788.21 skond il-fattura a fol. 36 u 37 tal-proċess, minnu mnaqqas l-ammont dovut minnha lejn is-soċjeta′ konvenuta ta' €2225.66.

Mis-somma mitluba, l-ammont ta' €838.27 jirrappreżenta l-prezz sabiex sar ħajt tal-gypsum tal-kejl 19.2 metri kwadri (€624), inkluż żebgħa fuq l-istess ħajt (19.2 x €4.50 = €86.40) u €127.87 Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan il-ħajt ġie mitlub mis-soċjeta′ konvenuta wara l-kumplament tax-xogħol li jidher fuq l-istess fattura. Fil-fatt, il-ħajt ma ġiex kwotat fl-istima li tinsab fol. 34 u 35 tal-proċess.

Ir-rimanenti somma ta' €724.28 tirrappreżenta il-bilanċ bejn l-istima mogħtija mis-soċjeta′ attriċi li kienet teskludi l-VAT u l-fattura li eventwalment inħarġet mis-soċjeta attriċi li kienet tinkludi l-VAT, meta wieħed inaqqas il-prezz tal-ħajt kif fuq stipulat.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kontestazzjoni f'din il-kawża tirrigwarda prinċiparjament is-somma ta' €724.28 msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Etienne Cini rappreżentant tas-soċjeta′ attriċi Probe Technologies Limited xehed li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi bix-xogħolijiet li kellha twettaq is-soċjeta′ attriċi, kellu jiġi saldat il-bilanċ dovut minn Makaw, mingħajr ma hija jkollha tħallas xejn iżjed, għajr għall-prezz tal-ħajt li ġie miżjud wara. Dana stante li Probe kienet ilha tiġri wara l-ħlas dovut lilha minn Makaw kważi għall-sena u għalhekk kien aċċetta li jieħu xogħolijiet minflok flus.

Min-naħa tagħha s-soċjeta′ attriċi ssostni li l-istima li tinsab fol. 34 u 35 kienet ġiet konfermata mis-soċjeta′ konvenuta u għalhekk din id-differenza għandha titħallas. Tiċħad li Probe kienet ilha tiġri warajha għall-ħlas.

Mill-provi jirriżulta iżda li huwa minnu li Probe kienet qed tiġri għall-ħlas lilha dovut mingħand Makaw u l-ewwel pagament minimu ta' €500 minn bilanċ ta' oltre €7000, sar biss iktar minn tmien xhur wara d-data tal-fattura relattiva.

Jirriżulta wkoll illi huwa minnu li Etienne Cini kien ikkonferma l-istima numerata 0282 li tinsab fol. 34 u 35 tal-proċess u dana permezz ta' email datata 14 ta' Settembru 2011 u li tinsab esebita fol. 46 tal-proċess, għalkemm huwa jsostni li l-ftehim verbali kien li Probe ma jkollha tħallas xejn iżjed għax-xogħolijiet ta' Makaw minn dak lilha dovut.

It-Tribunal iqis li l-verżjoni mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjeta′ konvenuta Probe hija waħda verosimili, għaliex tenut kont ta' kemm kien ilu jistenna l-pagament dovut lilu minn Makaw, u li aċċetta xogħolijiet minflok flus, kien aċċettabbli li jippretendi li Probe ma tħallas xejn iżjed lil Makaw u li x-xogħolijiet ta' Makaw jissaldaw il-kreditu favur ta' Probe.

It-Tribunal iqis li tenut kont li qed jitratta negozju bejn żewġ entitajiet kummerċjali, fejn allura l-imgħax legali jiddekorri mid-dati tal-fatturi, Makaw kienet akkumulat mal-€500 f'interessi bid-dewmien tagħha li twettaq il-pagament. Għaldaqstant, hija fehma tat-Tribunal illi in linea wkoll mal-prinċipji ta' ekwita′, illi bl-istess mod kif is-soċjeta′ konvenuta m'avvantatx ebda talba għall-ħlas tal-interessi li ddekorrew favur tagħha, l-istess soċjeta′ konvenuta ma tħallasx id-differenza ta' €724.28 pretiża mis-soċjeta′ attriċi. Iqis għaldaqstant illi s-somma ta' €2,225.66 tkun konsiderata bħala tpaċija għas-saldu tal-Proforma Invoice numerata PI 3094, maħruġa mis-soċjeta′ attriċi fil-

konfront tas-soċjeta′ konvenuta (fol. 36 u 37), inkluż kwalunkwe Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għajr għal dak illi ser jingħad dwar il-ħajt illi ġie ordnat iktar tard.

Rigward dan il-ħajt, ir-rappreżentant tas-soċjeta′ konvenuta xehed kif verbalment kienu ftehmu li l-ħajt kellu jiswa madwar €700 u li huwa kien dispost li jħallas dan l-ammont. Kif fuq spegat il-ħajt sewa €838.27 inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li huwa fil-marġini ta' dak ikkwotat mis-soċjeta′ attriċi. Illi dana ma setax ġie saldat max-xogħolijiet għaliex ġie kkommissjonat wara, u fil-fatt lanqas is-soċjeta konvenuta ma tippretendi dan.

Illi pero′, mhijiex korretta l-eċċezzjoni tas-soċjeta′ konvenuta fejn tgħid illi ma nbagħtitilhiex fattura ridotta għal dan l-ammont, għaliex l-ammont jirriżulta kjarament u inekwivokament mill-fattura ċitata u esebita. Illi hija dejjem setgħet tiddepożita dan l-ammont il-Qorti, sabiex teżimi ruħha minn kwalsiasi responsabilita′.

Rigward il-kap tal-ispejjeż, it-Tribunal jikkunsidra, li dawna telgħu konsiderevolment stante li n-notifika saret bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Iqis illi s-soċjeta′ attriċi kabbret l-ispejjeż inutilment meta għamlet pubblikazzjoni f'żewġ gazzetti lokali, meta hija kienet ġiet awtorizzata mit-Tribunal speċifikament tipproċedi bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali waħda.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jordna lis-soċjeta′ konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€838.27) bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta' Settembru 2011, data tal-fattura relattiva (fol. 36), sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi jitħallsu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet, għajr għall-ispejjeż ta' pubblikazzjoni waħda li titħallas unikament mis-soċjeta′ attriċi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------